MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1168/1989/1

**Victor Pace u b'digriet tal-4 ta' Lulju, 2003 stante l-mewt ta' Victor Pace fil-mori tal-kawza il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary Lourdes Pace, armla ta' Victor Pace u bintha Sabrina xebba Pace**

**vs**

**Joe Azzopardi, artikolista, l-Avukat Dottor Enrico sive Harry Vassallo, bhala editur, u Carmel Hili, bhala stampatur, tal-gazzetta "Alternattiva", u b'digriet tal-21 ta' Jannar, 1994 l-Avukat Dott. Robert Mangion u l-Prokuratur Legali Vera Lungaro Mifsud gew nominati kuraturi biex jirrapresentaw lill-assenti Carmel Hili**

## Il-Qorti;

## Preliminari

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Ottubru, 1993. Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attur kif ukoll it-tlett konvenuti.

L-attur kien hassu malafamat b'artikolu li kien deher fil-gazzetta "Alternattiva" tal-4 ta' Novembru, 1989 intestat *"Kastilja 15 ta' Ottubru 1979…Attentat Ivvintat – jirraportaw Joe Azzopardi u Joe Chetcuti"*. Dan l-artikolu kien jirreferi ghal avvenimenti li kienu graw kwazi ghaxar snin qabel, meta certu Karmnu Grima kien dahal Kastilja armat u gew sparati xi tiri kemm mill-istess Grima kif ukoll minn membri tas-sigurezza li f'xi hin waslu Kastilja, kif ukoll ghal avvenimenti ohra – li l-ewwel Qorti tikkwalifikahom bhala "grajjiet ta' misthija u ghajb kbir" – li sehhew aktar tard dik il-gurnata meta inghata n-nar lill-bini fejn kienet tigi stampata l-gazzetta "The Times" kif ukoll tkissret id-dar tal-Kap ta' l-Oppozizzjoni ta' dak iz-zmien. L-attur ilmenta li dana l-artikolu kien malafamanti fil-konfront tieghu peress li kellu l-ghan li jnaqqas jew itellef ir-reputazzjoni tieghu; konsegwentement l-attur kien talab li l-Qorti (1) tiddikjara li l-imsemmi artikolu kien jikkostitwixxi, fil-konfront tieghu, malafama fis-sens tal-Artikolu 28 tal-Kap. 248; (2) tillikwida dik is-somma dovuta lilu, li ma tkunx teccedi l-elfejn lira[1], in linea ta' danni; u (3) tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* biex ihallsuh is-somma hekk likwidata.

Il-konvenut Carmel Hili kien eccepixxa li hu ma kienx qara l-artikolu in kwistjoni qabel ma dan gie stampat, kif ukoll li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenut Joe Azzopardi eccepixxa li l-artikolu kien jammonta ghal *"fair comment"* fuq fatti vera; filwaqt li l-konvenut Vassallo baqa' kontumaci.

[1] B'emenda introdotta fl-1996, il-massimu tad-danni li jistghu jinghataw gie mizjud ghal hamest elef lira – ara Artikolu 15 tal-Att X ta' l-1996.

**Is-sentenza appellata u l-ligi applikabbli**

Bis-sentenza taghha aktar 'l fuq imsemmija, l-ewwel Qorti iddecidiet hekk:

**Fil-kontumacja tal-konvenut Vassallo, taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra fir-rigward ta' l-addebiti hawn fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet attrici u, konsegwentement, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tlett mija u hamsa w sebghin lira (Lm375) u tikkundanna lill-konvenuti Vassallo u Azzopardi jhallsuh kull wiehed is-somma ta' mija w hamsin lira (Lm150) u lill-konvenut Hili jhallsu is-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75). L-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal zewg kwinti (2/5) kull wiehed mill-konvenuti Vassallo u Azzopardi u in kwantu ghar-rimanenti kwint (1/5) mill-konvenut Hili.**

Ghandu jigi precizat li l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset li <u>mhux l-artikolu kollu</u> kien malafamanti fil-konfront ta' l-attur; anzi l-ewwel Qorti rriteniet li parti minnu – forsi wiehed jista' anke jghid parti sostanzjali – kien jammonta ghal *"fair comment"*, pero` partijiet ohra kienu malafamanti. Il-Qorti, fis-sentenza taghha, bdiet biex tispjega f'hiex kien jikkonsisti, ossia x'kien jghid, l-artikolu inkriminat:

**L-istampat li ta bidu ghal din l-istanza kien gie pubblikat fil-gazzetta "Alternattiva" tal-4 ta' Novembru, 1989. F'ras din il-kitba, hemm it-titolu "Kastilja – 15 ta' Ottubru, 1979", segwit bil-"banner headline", fuq hames kolonni, bil-kliem "Attentat Ivvintat".**

**Il-qarrej, ghalhekk, malajr ghandu jifhem li qeghdin ikunu rievokati l-grajjiet li sehhew, ghaxar snin qabel, meta certu Karmnu Grima kien dahal f'Kastilja. Infatti, l-artikolu jgharraf li dan Grima kien rega' lura d-dar war li kien qatta' disa' (9) snin fi Sptar Mentali. Umbaghad, ighid li dik is-sena wkoll, meta giet**

**imfakkra l-vjolenza li twettwet dakinhar, dan Grima rega' ssemma' bhala "l-persuna li ppruvat toqtol lil Duminku Mintoff".**

**Wara din l-introduzzjoni tas-suggett, l-artikolu jghaddi biex jiccara li dan Grima mhux veru mar f'Kastilja biex joqtol lill-Prim Ministru, li huwa kien tant jammira. Li gara kien li kienu hadulu bicca art u huwa ma setax jifhem ghaliex kienet sejra ssir din l-ingustizzja mieghu; ghalhekk, huwa ddecieda li jkellem lil Mintoff fuq dil-bicca u ha mieghu "revolver" bil-hsieb li jbezza' lil dawk li soltu kienu jzommuh milli jidhol hdejn il-Prim Ministru. Gara, jkompli jinghad fl-artikolu, li dan Grima gie ferut u kien ittiehed l-ITU tal-Isptar fejn l-istess nies li, dik il-filghaxija stess, kienu wettqu l-vjolenza tal-hruq tat-"Times" u tal-attakk fuq id-dar ta' Fenech Adami, marru ghalih biex joqtluh.**

**Aktar 'l quddiem fl-artikolu, jiddahhal fix-xena l-attur billi jinghad li, minn stharrig li sar, jidher car li, kuntrarjament ghal dak li xehed sieghat wara l-incident fl-Inkjesta tal-Magistrat meta ma semma' xejn dwar li Grima kien spara x'hin Mintoff bexxaq il-bieb, xahrejn wara huwa xehed fil-kumpilazzjoni u rrakkonta kif Mintoff helisha mill-mewt meta Grima spara ezattament kif dan fetah il-bieb biex jara x'kien qed jigri. Jinghad li meta kellmu lil Victor Pace (attur), dan qallhom li t-tieni verzjoni kienet dik korretta u meta ziedu jistaqsuh ghaliex ma kienx qal din l-istorja ftit hin wara l-incident u ftakarha biss xahrejn wara, Pace wegibhom: "jista' ikun li ma staqsewnix".**

**L-artikolu, bl-iskop evidenti li jiggustifika t-titolu "Attentat Ivvintat" u biex aktar jiskredita t-tieni verzjoni moghtija mill-attur, jghaddi biex isemmi li lanqas fl-Istqarrija li saret mill-Prim Ministru fil-Parlament ma nghad li, f'xi hin, huwa bexxaq il-bieb jew li Grima spara lejh. Jissemma' wkoll certu Emanuel Briffa, li dakinhar tal-incident kien 'Security' mal-Prim Ministru, u huwa kkwotat li qallhom li hu (Briffa) kien tela' fuq fejn kien hemm xi hadd b'revolver u Pace qallu li kien hemm ragel li spara xi**

**tiri, izda ma qallux li kien hemm min spara fid-direzzjoni tal-Perit Mintoff. Jiddahhal ukoll 'in ballo' certu Maggur Eddie Theuma, li dak iz-zmien kien mat-Traffic u gie imsejjah biex imur Kastilja wara li ntalbet l-ghajnuna mid-Depot tal-Pulizija, u jinghad li, fuq domanda jekk jiftakarx li ra lil Mintoff ibexxaq xi bieb u lil Grima jispara fid-direzzjoni tieghu, huwa wiegeb hekk: "Jiena nista' nghid li dan ma garax. L-istorja vera hi li Grima qatt ma spara fid-direzzjoni tal-Prim jew ipprova joqtlu". Ghal mistoqsija ohra, jekk jidhirlux li hemm it-tahwid f'dil-bicca, huwa gie riportat li wiegeb li fix-xhieda tieghu kien qal il-verita` hlief li kien zied li sema' lil Mintoff jitkellem wara l-bieb – haga din li ma kienetx vera u li huwa qalha ghaliex kien ordnat mis-superjuri tieghu. Tissemma' wkoll l-Inkjesta tal-Magistrat u jinghad li meta ghalaq l-Inkjesta u ssemmew l-akkuzi li fuqhom kellu jitressaq Grima, mkien ma semma' li Grima kellu jigi akkuzat b'attentat ta qtil tal-Perit Mintoff.**

**Imbaghad, l-artikolu jghid li Victor Pace, ftit wara l-incident, minn Chief Messenger lahaq PRO fl-ufficcju tal-Prim Ministru u li zmien wara ismu kien issemma' f'kaz fejn inghataw irregolarment permessi tal-bini li wara, fi zmien l-istess amministrazzjoni Laburista, kien tnehha mill-Ufficcju tal-PM u beda jahdem fic-Centru tal-Konferenzi.**

**Fl-ahharnett, l-artikolu jaghlaq hekk: "Insostnu li l-Gvern ghandu jiftah inkjesta dwar il-kaz biex isem Grima, uliedu w ulied uliedu ma jibqghux igorru l-piz ta' tort ivvintat li serva biex iggustifika dnubiet li taghhom, il-hatja ghadhom qatt ma hallsu".**

Kif inhu risaput, biex id-difiza ta' *"fair comment"* tregi hu mehtieg, *inter alia*, li l-fatt jew fatti li dwaru jew dwarhom ikun sar il-kumment ikun jew ikunu sostanzjalment fatt jew fatti vera.

**It is well settled law that the defence of *fair comment* must be based on facts truly stated.** [2]

Kif jinghad f'***Gatley on Libel and Slander*** :

**To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.**[3]

Id-"difiza" tal-*"fair comment"* dejjem kienet intiza sabiex tissalvagwardja dritt li hu importanti daqs dak li individwu jipprotegi r-reputazzjoni tajba tieghu, u cioe` id-dritt tal-espressjoni hielsa. Kif inghad minn Lord Justice Scott fil-kawza ***Lyon v. Daily Telegraph*** [4]:

**The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing which are so dear to the British nation, and it is of vital importance to the rule of law on which we depend for our personal freedom.** [5]

Aktar recentement, bl-enfazi fuq id-drittijiet fondamentali tal-bniedem u specjalment fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-margini jew latitudini koncessa lill-istampa, u b'mod partikolari lill-gurnalisti fil-qadi tad-doveri taghhom, twessghet u l-qrati saru aktar konxji mill-htiega li jzommu bilanc gust bejn il-liberta` ta' l-istampa li tinforma dwar fatti u li titrasmetti l-

---

[2] ***Reginald Miller v. Harold Scorey***, Appell Kriminali, 26 ta' April, 1948.
[3] ***Gatley on Libel and Slander***, Sweet & Maxwell (London), 1981 (8th. Ed.), para. 692, p. 693.
[4] [1943] 1 K.B. 746.
[5] At p. 753.

ideat (inkluzi kummenti u kritika) minn naha, u d-dritt taċ-ċittadin li jkollu r-reputazzjoni tajba tieghu imharsa min-naha l-ohra. U dan l-aktar meta l-opinjoni espressa jew il-kritika (anke xi minn daqqiet harxa) tkun diretta lejn persuni pubblici, bhal, per ezempju nies fil-politika [6]. Dan ma jfissirx, pero`, kif hemm min beda jahseb, li allura kollox jista' jinkiteb b'impunita`. Kif fissret din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru, 1994 fl-ismijiet ***Vincent Borg v. Victor Camilleri et***,

**Il-Qorti tissottoskrivi wkoll il-hsieb li r-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta' l-istampa (Kap. 248) ghandhom jigu interpretati fid-dawl ta' l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-isfond ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi interpretat fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani. Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp signifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessa' d-dritt ta' l-espressjoni. Madanakollu, b'dana l-izvilupp essenzjali, l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita`, billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta` ta' espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemma' l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandha kull dritt li tgawdi.**

**Iz-zewg appelli**

L-appellanti Vassallo, Azzopardi u Hili jikkontendu, bazikament, li l-eccezzjoni tal-*"fair comment"* kellha tigi estiza wkoll ghal dik il-parti ta' l-istampat fejn saret referenza ghall-fatt li ftit wara l-incident ta' l-isparatura Pace kien gie promoss minn "chief messenger" ghal

[6] Ara a propositu Emmerson, B. u Ashworth, A. ***Human Rights and Criminal Justice***, Sweet & Maxwell (London), 2001, para. 8-44 sa 8-46, pp. 239-240.

"public relations officer", kif ukoll fejn jinghad li l-istess Pace kien issemma' in konnessjoni ma' ksib irregolari ta' permessi ghall-bini. Apparti li huma jtennu li veru li kien hemm tali promozzjoni kif ukoll li veru li Pace kien "issemma'" in konnessjoni mal-ksib b'mod irregolari ta' permessi tal-bini – fatti li, del resto irrizultaw anke mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti – huma jilmentaw, fir-rigward tas-sentenza appellata, illi

**…mhux minnu li dawn iz-zewg cirkostanzi li jirreferu ghall-attur gew marbuta fl-artikolu in kwistjoni mal-fatt li l-appellat kien biddel il-verzjoni tieghu dwar dak li gara f'Kastilja fil-15 ta' Ottubru, 1979. Li l-appellat gie promoss ftit xhur wara l-incident in kwistjoni u li l-istess appellat kien issemma' in konnessjoni ma' kaz ta' hrug irregolari ta' permessi tal-bini kien gie biss imsemmi bhala fatt u xejn aktar, f'katina ta' avvenimenti li kienu jirrigwardaw mhux biss lil Karmnu Grima izda wkoll lil dawk li kienu involuti fl-incident.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-appellant Pace, min-naha tieghu, jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn din laqghet l-eccezzjoni tal-*"fair comment"* sollevata mill-konvenut Azzopardi fir-rigward taz-zewg "allegazzjonijiet principali" maghmula fil-konfront tieghu u minnu meqjusa bhala malafamanti, u cioe` (1) li kien hu li vvinta l-istorja tal-attentat fuq l-ex-Prim Ministru Mintoff li serviet bhala skuza komda ghall-vjolenza li grat wara, u (2) li b'dak li kien hu ivvinta baghtiet il-konsegwenzi l-familja Grima. L-appellant Pace iressaq diversi argumenti, kemm fuq il-pjan legali kif ukoll fuq dak fattwali, in sostenn ta' dana l-ilment tieghu fl-appell.

Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel li ghandu jigi deciz huwa l-appell ta' Pace.

Ghandu jigi osservat, qabel xejn, li ghalkemm huwa veru li kien Azzopardi biss li eccepixxa l-*"fair comment"*, fil-kamp tal-libelli tali eccezzjoni, jekk tirnexxi, necessarjament testendi ghall-konvenuti l-ohra kollha, cioe` anke fil-

konfront ta' dawk li ma jkunux eccepewha (fil-kaz odjern Hili – li qal li hu ma kienx qara l-artikolu qabel ma gie stampat – u Vassallo, l-editur, li baqa' kontumaci). In fatti huwa inkoncepibbli li l-istess stampat jitqies li huwa mhux censurabbli in kwantu inkiteb mill-artikolista pero` censurabbli in kwantu pubblikat mill-editur tal-gazzetta jew stampat mill-istampatur [7]. Lanqas ma hu korrett l-appellant Pace meta jghid li l-konvenuti appellati ma tawx l-eccezzjoni tal-verita` tal-fatti u li kwindi huma ma setghux jeccepixxu l-*"fair comment"* – in fatti, jekk wiehed jara n-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Azzopardi (fol. 13) dan jghid car u tond li dak li kien gie ppublikat kien "*"fair comment"* fuq fatti vera" (sottolinear tal-Qorti). Il-qofol ta' l-appell ta' Pace jirriduci ruhu ghal zewg mistoqsijiet: (1) huwa veru li Pace bidel il-verzjoni li huwa kien ta lill-Magistrat inkwirenti, ftit sieghat wara l-incident, meta gie biex jixhed fil-kumpilazzjoni xahrejn wara? ; u jekk huwa veru li bidilha (2) jista' jinghad li kien kumment *"fair"* dak ta' l-artikolista li allura l-attentat kien wiehed "ivvintat" (bl-implikazzjoni, naturalment, li l-istess Pace kien ghen b'xi mod f'din l-"invenzjoni")?

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-attur stess jammetti li certu diskors ma kienx qalu lill-Magistrat Inkwirenti izda kien qalu xahrejn wara fil-kors ta' l-istruttorja (kumpilazzjoni). Pero` l-ewwel Qorti marret oltre minn dan, u ezaminat ukoll dak li rrizulta mill-provi li tressqu quddiemha, kif ukoll, wara li qrat l-artikolu kollu, ghamlet ir-riflessjonijiet taghha dwar min verament kien qed jigi indizjat li "ivvinta" l-istorja. L-ewwel Qorti, infatti, qalet hekk:

**Ghandu jinghad illi l-artikolu 'de quo', kunsidrat fit-totalita` tieghu, jidher li kien sforz genwin ta gurnalizmu investigattiv li kellu l-iskop lodevoli li, filwaqt li jfakkar fil-grajjiet ta misthija u ghajb kbir li bhalhom qatt ma kienu dehru f'Pajjizna, dawk cioe` tal-15 ta' Ottubru 1979, igieghel lill-Gvern biex jordna inkjesta sabiex tohrog il-verita` dwar dak kollu li gara u Karmnu Grima jigi ezonerat minn kull htija.**

[7] Illum il-figura ta' l-istampatur giet sostitwita b'dik tal-persuna "responsabbli ghall-pubblikazzjoni" – ara l-emendi introdotti bl-Att X tal-1996.

**M'hemmx dubju li l-artikolu in kwistjoni jrid iwassal il-fehma li la darba l-attur, li kien wiehed mill-protagonisti tal-incident gewwa Kastilja, ma kienx qal, l-ewwel darba li xehed, li Grima kien spara fid-direzzjoni ta' Mintoff meta dan bexxaq il-bieb izda hareg b'din l-istorja meta rega' xehed xahrejn wara, allura wiehed ghandu d-dritt jikkonkludi li din l-ahhar verzjoni ta dak li gara kienet ivvintata biex tiggustifika l-vjolenza li twettqet ftit wara l-incident imsemmi.**

**Fil-fehma tal-Qorti, pero`, l-qarrej ta intelligenza ordinarja – u f'materja ta libelli huwa dan li ghandu jinzamm kontinwament fl-ottika tal-gudikant – li jkun qara l-artikolu minn fuq s'isfel m'ghandux ragonevolment jikkonkludi li kien l-attur li vvinta din l-istorja ta l-isparatura fid-direzzjoni ta Mintoff. Wiehed irid iqis li, proprju fil-parti konkluzjonali tal-artikolu, hemm dawn il-precizi kliem: "In-nies li qatt ma ddejqu juzaw il-vjolenza bhala l-arma taghhom, ma ddejqu xejn juzaw lill-Grima biex jiggustifikaw il-vjolenza li wettqu dakinhar tal-incident. Ghalihom Karmnu kien skuza komda". Din, dejjem ghall-qarrej ta intelligenza ordinarja, hija indikazzjoni cara li l-gurnalist li kiteb l-istampat kien qieghed jitfa' fl-izbarra lil min kien fil-quccata tas-setgha f'dawk iz-zminijiet inwieghra u kien jigbed il-hbula kollha kull x'hin ifettillu. L-attur, f'mohh min kiteb l-artikolu, kien semplicement jifforma parti mill-'entourage' tal-Prim Ministru ta dak iz-zmien u, ghalhekk, inkwantu l-istess attur, fil-kumpilazzjoni kontra Grima u xahrejn wara l-incident, kien xehed fuq dettal daqshekk importanti li ma kien qal xejn dwaru meta xehed l-ewwel darba quddiem il-Magistrat Inkwirenti dakinhar stess tal-incident, huwa ghandu jitqies li ghen b'mod tangibbi – bil-fatt li biddel il-verzjoni – biex l-istorja tal-attentat kontra Mintoff issir kredibbi u, kwindi, tinfirex u tinfluwenza l-opinjoni pubblika biex din, jekk ma tasalx biex tapprova l-vjolenza li twettqet, almenu tasal biex taccettaha bhala l-effett ta provokazzjoni.**

**Din il-Qorti jidhrilha li, bil-fatt tal-pubblikazzjoni ta ritratt tal-attur liebes l-uniformi tas-servizz, l-artikolu in kwistjoni ma sarx aktar malafamanti fil-konfront tieghu. Difatti, gie pubblikat ukoll ritratt tal-ex-ministru Micallef bl-istess prominenza u dan zgur ma sarx bi skop ta malafama.**

**Kif intqar aktar 'l fuq, l-artikolu jsemmi l-istqarrija li kien ghamel il-Prim Ministru fil-Parlament fuq il-kaz, ftit jiem wara l-incident u dan sabiex il-qarrej ikun jaf li Mintoff stess, f'din l-istqarrija, ma jsemmix li hu bexxaq il-bieb jew li Grima spara lejh. Kopja ta din l-istqarrija, li saret fid-29 ta' Ottubru, 1979, giet esebita mill-attur bhala dok UP5 a fol. 32.**

**Jirrizulta, mill-istess stqarrija, li din saret meta l-istess Prim Ministru kellu quddiemu kopja tal-Inkjesta maghmula mill-Maigstrat Inkwirenti dwar l-incidenti in kwistjoni u, ghalhekk, ix-xiedha tal-attur, sa dakinhar, ma kienetx ghadha tbiddlet fis-sens fuq riportat.**

**Huwa prezumibbli li meta nkiteb l-artikolu l-kontenut ta l-istqarrija kien a konoxxenza ta min kitbu. Dak li jolqtok meta taqraha huwa li l-Prim Ministru ried jaghti t-tort ta kulma gara lill-Kap tal-Opposizzjoni. Madankollu, huwa ma qalx, f'din l-istqarrija, li kien sar attentat kontra l-hajja tieghu. Veru hu li sejjah l-incident ta Kastilja bhala wiehed 'gravissimu', izda ddeskrivieh f'dawn it-termini: "Meta ghall-ewwel darba fl-istorja ta' Malta bniedem armat dahal fl-ufficcju tal-Prim Ministru u rnexxielu jispara ftit passi 'l boghod minn fejn kien l-istess Prim Ministru".**

**L-attur ipproduca lill-Perit Mintoff bhala xhud u dan ikkonferma li x'hin fetah il-bieb sema' tir gol-bieb izda, fil-kontroezami, stqarr li fl-istatement li ghamel fil-Parlament kien qal li l-persuna sparat lejn il-bieb. Huwa intuittiv, pero`, li x-xhieda tal-Perit Mintoff m'ghandha l-edba rilevanza fil-kawza ghaliex il-verzjoni ufficjali ta kif graw l-affarijiet f'Kastilja, fil-mument tal-pubblikazzjoni ta l-artikolu, kienet dik moghtija mill-istess Perit Mintoff, bhala Kap tal-Gvern,**

**fl-Istqarrija tad-29 ta' ottubru, 1979 fejn inghad xort'ohra. L-istess haga tista' tinghad ghax-xiehda kollha mressqa miz-zewg nahat bl-iskop li jigi pruvat dak li verament gara f'Kastilja fil-15 ta' Ottubru, 1979.**

**Jirrizulta wkoll illi meta gie pubblikat l-istampat il-Maggur Theuma qal lil min intervistah li Grima qatt ma spara fid-direzzjoni tal-Prim Ministru, kif ukoll li kien ordnat mis-superjuri tieghu biex fix-xhieda tieghu jghid li kien sema' lil Mintoff jitkellem wara l-bieb meta dan ma kienx veru. Inoltre, jirrizulta li Emanuel Briffa, li dakinhar tal-incident kien Security mal-Prim Ministru, qallhom, kif gia intqal, li Pace (attur) kien qallu li kien hemm ragel li spara xi tiri, izda ma qallux li kien hemm min spara fid-direzzjoni tal-Perit Mintoff.**

**Din il-Qorti thoss li meta wiehed jikkonsidra dawn ir-rizultanzi kollha, kif ukoll b'mod partikolari r-rizultanzi l-ohra li ex-admissis l-attur ma kienx qal, meta xehed ftit wara l-incident, li Grima spara fid-direzzjoni tal-Perit Mintoff u hareg bil-verzjoni l-gdida xahrejn wara – tant li l-Magistrat inkwerenti, kif jinghad ukoll fl-artikolu, ma sabx li Grima kellu jigi akkuzat b'attentat ta qtil – l-inferenza li l-istampat jaghmel li l-"attentat" kien ivvintat ma tidhirx li ma kienetx gustifikata; anzi, trattandosi ta gurnalizmu tat-tip li bih inkiteb l-artikolu – dak li kommmunement jissejjah "gurnalizmu investigattiv" – wiehed ghandu jistenna li, fic-cirkostanzi tal-kaz, tali inferenza ssir.**

**Ghalhekk, in kwantu li l-attur jilmenta li b'din l-inferenza huwa gie malafamat, l-eccezzjoni tal-"fair comment" qeghdha tigi milqugha.**

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li ghandha tikkonferma kemm ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti kif ukoll il-konkluzjoni li waslet ghaliha. Isegwi ghalhekk, li galadarba l-kumment ta' l-artikolista kien, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed *"fair"* dak li jinghad fl-artikolu dwar it-tbatija tal-familjari ta' Grima minhabba dak li <u>l-istampat iqis</u> li gie ivvintat ghandu wkoll jigi accettat bhala *"fair comment"* u dan ghaliex, kif gustament osservat l-ewwel

Qorti, *"…hija haga logika li meta wiehed jasal ghal-konkluzjoni li din il-bicca tal-attentat kontra Mintoff kienet haga ivvintata, wiehed ghandu kull dritt li jikkummenta wkoll dwar is-sofferenza tal-familja ta' Grima u l-konsegwenzi kollha li tali 'invenzjoni' gabet fuqhom."* B'dana kollu din il-Qorti – bhal, del resto l-ewwel Qorti – mhix qed tghid jew tasal ghall-konkluzjoni li mhux veru li Grima spara fid-direzzjoni tal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien jew li b'xi mod Pace xehed il-falz meta ddepona fl-istruttorja. Kullma qed jigi stabbilit hu li, bil-fatti li kellu quddiemu l-artikolista ghaxar snin wara l-incident – specjalment il-bdil fil-verzjoni moghtija minn Pace, iz-zieda li gie "ordnat" jaghmel fid-deposizzjoni tieghu il-Maggur Theuma, u l-verzjoni ufficjali li kien ta l-Perit Mintoff fil-Parlament – l-artikolista kien gustifikat fil-kumment tieghu li dan kien kaz ta' "attentat ivvintat" u li kien jimmerita ghalhekk investigazzjoni aktar fid-dettal, kif l-istess artikolista talab li jsir fi tmiem ta' l-artikolu tieghu. Fi kliem iehor, il-kumment ta' l-artikolista ma kienx jeccedi, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz inkluz il-mod kif inkiteb l-artikolu, dak li kien accettabbli f'socjeta` demokratika f'materja li certament kienet ta' interess pubbliku ghax parti mill-istorja politika kontemporanja ta' pajjizna.

Kwantu ghall-appell tal-konvenuti, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-implikazzjoni li Pace kien ha promozzjoni ghax kien b'xi mod biddel il-verzjoni tieghu ta' dak li kien gara f'Kastilja, jew l-implikazzjoni l-ohra li hu kien irnexxielu jikseb permessi tal-bini b'mod irregolari proprju minhabba din il-bidla. Dawn il-kummenti kienu totalment zejda, u ghalkemm ma jistax jinghad li dawn saru b'hazen da parti tal-artikolista, il-qarrej ta' intelligenza ordinarja kellu neccessarjament jikkonkludi li kien hemm xi rabta bejn il-"bdil" tal-verzjoni ta' l-incident mal-promozzjoni u mal-ksib tal-permessi tal-bini. Jinghad ghall-korrettezza u kompletezza li quddiem l-ewwel Qorti saret il-prova – prova li ma giet b'ebda mod kontradetta – li fir-rigward ta' l-allegazzjoni li Pace kien kiseb xi permessi tal-bini b'mod irregolari kienet saret

inkjesta skond il-ligi, u li l-Bord ta’ Inkjesta [8] ma kien sab li kien hemm xejn irregolari fl-applikazzjoni ghal, u il-hrug ta’, il-permessi li dwarhom kienet saret l-allegazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell tal-attur kif ukoll l-appell tal-konvenuti. L-ispejjez ta’ dana l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[8] Kompost mill-allura Segretarju Amministrattiv Edmond Micallef, mill-allura Avukat Generali Dott. Victor Borg Costanzi, u mill-allura Kummissarju tal-Pulizija Dott. Lawrence Pullicino.